TARXIEN
Local Council

Id-Disa' Leġislatura

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 32/2026**

Data: It-Tnejn, 28 ta' Settembru 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

Is-Sur Joseph Abela Galea	Kunsillier	Preżenti
Is-Sa. Darlene Vella	Kunsilliera	Skużata
Is-Sa. Anabelle Marmara	Kunsilliera	Skużata
Is-Sur Dasier Damato	Kunsillier	Preżenti
Is-Sa. Nicole Vella Farrugia	Kunsilliera	Preżenti
Is-Sur Glenn Gerald Urry	Kunsillier	Skużat
Is-Sur Neil Portelli	Kunsillier	Preżenti
Is-Sa Lianne Cassar	Deputat Segretarju Eżekuttiv	Preżenti

TARXIEN
Local Council

32.1 Ittri ta' apoloġija

32.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sa. Darlene Vella, is-Sa. Anabelle Marmara u s-Sur Glenn Urry talbu sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament li jitniżlu skużati.

32.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 31

32.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 31 ġew approvati kif imresqa.

32.3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 27

32.3.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Vella Farrugia u s-Sur Neil Portelli, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2026 u 28 ta' Settembru 2026, li kienet tammonta għal €62,853.10.

32.4 Punti li joħorġu mill-Minuti

32.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Ġnien Bulben kienet ser issir toqba esploratorja sabiex tiġi eżaminata u ddeterminata l-kundizzjoni tal-pedamenti eżistenti, kif mitlub mill-Perit. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ sabiex, abbażi tar-riżultati miksuba, il-Perit ikun jista' jfassal l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għat-tħejjija u l-ħruġ ta' tender għax-xogħlijiet li hemm bżonn jitwettqu fil-ġnien.

32.4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Ġnien Ovindoli kienu diġà nbdew ix-xogħlijiet relatati mal-funtana.

32.4.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien diġà għadda d-dettalji kollha relatati man-network u s-sistema tas-CCTV li ser jiġu installati fil-latrina pubblika.

32.4.4 Is-Sur Dasier Damato informa lill-Kunsill li xtaq li l-attivitajiet taż-Zumba u l-Yoga jibqgħu għaddejjin anke matul ix-xhur tax-xitwa. F'dan ir-rigward, semma li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-Kap tal-Iskola Middle School ta' Ħal Tarxien sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li tintuża s-sala tal-iskola għal dawn l-attivitajiet. Madankollu, jidher li l-iskola għandha diffikultà relatata man-nuqqas ta' persunal tas-sigurtà li jkun jista' jiftaħ u jagħlaq il-binja f'ħinijiet differenti. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni mal-amministrazzjoni tal-iskola kienet għadha għaddejja sabiex tinstab soluzzjoni adegwata.

Is-Sur Damato semma wkoll li, fir-rigward tal-attività tal-Yoga, kien ser jesplora l-possibbiltà li jinstab għalliem alternattiv, peress li l-għalliema attwali kienet qed timponi ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet, fosthom dawk relatati mal-ħlasijiet u man-numru ta' parteċipanti, li setgħu jillimitaw l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni f'din l-attività.

32.4.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-għaqdiet lokali kienu qed jibagħtu r-ritratti meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jitħejjew u jiġu stampati ritratti li ser jitpoġġew quddiem id-Djar tal-Anzjani.

32.4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-qsari taċ-ċeramika, li kienu ġew approvati permezz tal-iskema ta' Transport Malta, kienu għadhom iridu jinxtraw.

32.4.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-qsari taċ-ċeramika, li kienu ġew approvati permezz tal-iskema ta' Transport Malta, kienu għadhom iridu jinxtraw.

32.4.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-disinn relatat mal-proġett fi Triq il-Kbira kien tlesta u li kollox kien lest sabiex issir l-installazzjoni tiegħu. Is-Sa Nicole Vella Farrugia staqsiet jekk il-ħajt fejn kienet ser issir l-installazzjoni kienx proprjetà privata. Bi tweġiba, is-Sindku ċċara li l-ħajt eżistenti ma kienx intmess u li kienet inbniet struttura dejqa quddiemu sabiex fuqha tkun tista' ssir l-installazzjoni prevista, mingħajr ebda intervent fuq il-ħajt oriġinali.

32.4.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-cat shelters li t-tfal tal-iskola kienu biħsiebhom joffru lill-Kunsill kienu sadanittant ittieħdu minn kunsilli lokali oħra. Min-naħa tagħha, is-Sa Nicole Vella Farrugia osservat li fil-preżent ma kienx hemm il-ħtieġa ta' cat shelters addizzjonali fil-lokalità.

32.4.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-31 ta' Ottubru kienet ser tiġi organizzata l-attività "Festa Ħelu fil-Halloween" fi Triq Santa Marija, bil-parteċipazzjoni tal-Versatile Band, bħala parti mill-attivitajiet organizzati mill-Kunsill għall-komunità lokali.

32.4.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attività tat-Tberik tal-Annimali kienet għadha ma ġietx skedata. Wara li ġie eżaminat il-kalendarju tal-attivitajiet, kien hemm qbil li din l-attività tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 2026, suġġett għad-disponibbiltà tal-Arċipriet.

32.4.12 Is-Sur Dasier Damato informa lill-Kunsill li l-proċess relatat mal-kwotazzjonijiet għall-attività "Festa Tfal", prevista li ssir nhar it-18 ta' Ottubru 2026, kien ġie konkluż. Min-naħa tiegħu, is-Sindku semma li kien ser isir kuntatt ma' fornitur sabiex jiġu armati diversi kiddie rides waqt l-attività, bil-għan li t-tfal ikunu jistgħu jagħmlu użu minnhom mingħajr ħlas. Semma wkoll li ser jintużaw fondi mill-Kunsill Reġjonali Port.

32.4.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, flimkien mal-Kunsillier is-Sur Neil Portelli, kien iltaqa' mar-residenti tal-madwar Ġnien Joanne sabiex jingħataw spjegazzjoni dwar il-proġett relatat mat-titjib tal-bankini, li x-xogħlijiet fuqu kienu mistennija jibdew fil-ġimgħat ta' wara. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi aspetti tal-proġett, fosthom il-proposta li s-service road issir triq b'direzzjoni waħda (one-way), li dwarha kien hemm qbil. Is-Sindku semma wkoll li s-Sur Neil Portelli kien qed jikkomunika mal-Perit responsabbli sabiex fid-disinn tal-proġett jiġu riflessi ċerti tibdiliet żgħar li kienu ġew diskussi mar-residenti.

32.4.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex parti minn Triq id-Dejma tiġi organizzata b'sistema ta' parkeġġ tat-tip fishbone parking, bil-għan li jiżdied in-numru ta' spazji disponibbli għall-parkeġġ. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li titħejja u titressaq proposta formali quddiem Transport Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħha.

32.4.15 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fir-rigward tad-dawl fuq ir-roundabout li tinsab quddiem id-Dar tal-Anzjani, kienet ser titressaq formola SLT sabiex issir it-talba meħtieġa għall-installazzjoni jew it-titjib tad-dawl fl-imsemmija żona.

32.4.16 Is-Sa Nicole Vella Farrugia staqsiet jekk kienx hemm data tentattiva għat-tlestija tax-xogħlijiet fil-Pjazza ta' Ħal Tarxien. Bi tweġiba, is-Sindku informa lill-Kunsill li, skont l-informazzjoni disponibbli, il-kuntrattur kien mistenni jtemm l-impenn tiegħu f'Ħal Tarxien sa Diċembru 2026 sabiex ikun jista' jkompli b'xogħlijiet oħra f'lokalità differenti. Madankollu, iċċara li sa dak il-mument ma kienx hemm data definittiva għat-tlestija tal-proġett.

Is-Sindku semma wkoll li kien ser jinbidel il-materjal użat għall-arma li saret fl-art tal-pjazza, peress li l-materjal eżistenti kien qed idur. Fir-rigward tal-pożizzjoni tal-arma, is-Sindku ċċara li din kienet tinsab fiċ-ċentru tal-pjazza, kuntrarjament għal dak li kien qed jingħad minn xi persuni. Spjega li l-pożizzjoni ċentrali tal-arma għandha tiġi kkalkulata b'referenza għall-bieb prinċipali tal-knisja, u mhux abbażi ta' punti oħra fil-pjazza.

32.4.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fir-rigward tax-xogħlijiet previsti fi Triq Bjaġju Galea, Infrastructure Malta kienet qed tistenna li jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq San Mikiel, il-Fgura, qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet fl-imsemmija triq. Spjega li dan kien meħtieġ ukoll għal raġunijiet relatati mal-immaniġġjar tat-traffiku (*traffic management*), sabiex jiġu evitati diffikultajiet addizzjonali fil-fluss tat-traffiku u jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent għar-residenti u s-sewwieqa.

32.4.18 Is-Sindku, flimkien mal-Kunsilliera, enfasizza l-importanza li jiġu organizzati attivitajiet u sessjonijiet informattivi u edukattivi għall-anzjani, bil-għan li dawn jingħataw aktar għarfien u taħriġ prattiku dwar l-użu tat-teknoloġija diġitali. Fost is-suġġetti proposti ssemmew l-użu ta' portali elettroniċi għas-servizzi pubbliċi u privati, is-servizzi tal-internet banking, kif ukoll l-użu sigur u effettiv tal-ATMs. Ġie enfasizzat li inizjattivi bħal dawn jistgħu jgħinu sabiex titnaqqas id-differenza diġitali, filwaqt li jissaħħu l-indipendenza, il-kunfidenza u l-aċċessibbiltà tal-anzjani għas-servizzi essenzjali ta' kuljum.

32.4.19 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kienet prevista żjara uffiċjali f'Ruma, fil-Vatikan, li matulha huwa kien ser jipparteċipa flimkien mal-kumplament tas-Sindki Maltin u Għawdxin f'udjenza mal-Qdusija Tiegħu l-Papa.

32.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.5.1 Is-Sindku għamel referenza għal komunikazzjoni li waslet mingħand resident fir-rigward tal-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA/05713/26, li dwarha kienu tqajmu ċerti oġġezzjonijiet u tħassib.

Matul id-diskussjoni, il-Kunsillier responsabbli mill-qasam tal-ippjanar informa lill-Kunsill li kien eżamina kemm il-proposta mressqa mill-applikant kif ukoll l-oġġezzjonijiet li kienu saru fir-rigward tal-istess applikazzjoni.

TARXIEN
Local Council

Ġie spjegat li l-għoli propost tal-iżvilupp kien konformi mal-Pjanijiet Lokali applikabbli u mal-politiki stabbiliti fid-DC15. Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-tħassib imqajjem dwar twieqi laterali li jagħtu għal fuq proprjetà adjaċenti. F'dan ir-rigward, ġie ċċarat li kwistjonijiet relatati mal-privatezza, drittijiet ta' terzi u aspetti legali oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Awtorità tal-Ippjanar u l-qafas legali applikabbli, u mhux direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

Fir-rigward tal-parti tal-binja proposta li toħroġ 'il barra (projection), ġie spjegat li din kienet ser tibqa' fil-konfini tal-ġnien ta' quddiem il-proprjetà u ma kinitx ser testendi lil hinn mil-linja tal-bini għal fuq il-bankina jew it-triq pubblika. Ġie osservat li l-pożizzjoni tal-Kunsill kienet tkun differenti kieku l-iżvilupp propost kien ser jinvadi spazju pubbliku.

Wara d-diskussjoni, u abbażi tal-informazzjoni u l-pariri mogħtija mill-Kunsillier responsabbli mill-ippjanar, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li kellha tittieħed fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li, abbażi tal-informazzjoni u l-pjanti ppreżentati, ma kellux oġġezzjoni għall-iżvilupp propost fl-applikazzjoni PA/05713/26. Madankollu, ġie ċċarat li din il-pożizzjoni kienet mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe evalwazzjoni, kundizzjoni jew deċiżjoni li setgħet tittieħed mill-Awtorità tal-Ippjanar jew minn xi awtorità kompetenti oħra.

32.5.2 Addolorata, f'Raħal Ġdid. Huwa semma li l-Kunsill Lokali jifhem u jagħti l-appoġġ tiegħu lir-residenti fir-rigward tat-tħassib li qegħdin iqajmu dwar dan il-proġett, partikolarment dwar l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-kwalità tal-arja u t-tniġġis ambjentali fil-lokalità. Ġie osservat li t-tħassib ewlieni ma kienx marbut mal-impatt viżiv tal-iżvilupp, iżda mal-konsegwenzi ambjentali u possibbilment fuq is-saħħa tar-residenti li jistgħu jirriżultaw mill-operat ta' tali faċilità.

Is-Sindku fakkar li, meta l-Kunsill Lokali kien ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu għal dan il-proġett fis-snin preċedenti, kien talab lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isiru u jiġu ppreżentati studji aktar dettaljati dwar l-impatti ambjentali tal-proġett. Madankollu, sa dak il-mument, il-Kunsill ma kienx irċieva l-istudji mitluba.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), sabiex jingħata tagħrif dwar l-istudji xjentifiċi u ambjentali li setgħu saru b'rabta mal-proġett, partikolarment dawk relatati mal-emissjonijiet u l-kwalità tal-arja. Ġie propost ukoll li, matul din il-laqgħa, jiġu diskussi l-mistoqsijiet u t-tħassib imqajma mir-residenti, sabiex il-Kunsill ikun jista' jikseb spjegazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi dwar l-impatti potenzjali tal-krematorju fuq il-lokalità u ż-żoni tal-madwar.

Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa formali mal-ERA, bil-għan li tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa u jiġi żgurat li t-tħassib tar-residenti jiġi indirizzat b'mod trasparenti u bbażat fuq evidenza xjentifika, qabel ma l-Kunsill jikkunsidra kwalunkwe pożizzjoni ulterjuri dwar il-proġett.

32.5.3 Is-Sur Dasier Damato informa lill-Kunsill li kien għadu qed jirċievi lmenti mingħand uħud mir-residenti li kienu qed isostnu li, b'riżultat tal-proġett li sar fi Ġnien Mark Farrugia, kien tnaqqas l-ispazju tal-ġnien. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni u qabel li, abbażi tal-pjanti approvati u tax-xogħlijiet li effettivament twettqu, ma kien sar l-ebda tnaqqis mill-ispazju miftuħ tal-ġnien.

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li l-isem il-ġdid propost għall-ġnien kien għadu qed jiġi kkunsidrat għall-approvazzjoni mill-Street Naming Committee.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Neil Portelli semma li kien għadu qed jistenna risposta fir-rigward ta' filmat li kien sar dwar il-proġett. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill kien żamm laqgħa ma' Membru Parlamentari li preċedentement kien esprima ruħu pubblikament kontra l-proġett. Is-Sur Portelli sostna li, wara l-ispjegazzjonijiet mogħtija matul dik il-laqgħa, kien għadu qed jistenna dikjarazzjoni mill-istess Membru Parlamentari sabiex jiċċara li dak li kien intqal inizjalment dwar il-proġett ma kienx jirrifletti l-fatti.

32.5.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet intbagħtet komunikazzjoni formali lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' problema relatata mas-sistema tad-drenaġġ fi Triq San Tumas, sabiex il-każ jiġi investigat u tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni.

32.5.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fir-rigward ta' Triq is-Sorijiet, kien ser jiġi implimentat arranġament temporanju għall-immaniġġjar tat-traffiku (traffic management) sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fil-Pjazza ta' Ħal Tarxien. Spjega li dan l-arranġament kien meħtieġ sabiex jiġi evitat li vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-pjazza jispiċċaw maqbuda bejn Triq l-Annunzjata u Joanne Gardens. Għaldaqstant, bħala parti minn dan l-arranġament temporanju, il-vetturi li jkunu ġejjin minn Joanne Gardens ma jkunux jistgħu jduru lejn Triq is-Sorijiet, bil-għan li jiġi ffaċilitat il-fluss tat-traffiku u jitnaqqsu l-konġestjoni u l-inkonvenjenzi fiż-żona.

32.5.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fuq talba ta' resident, kienet tressqet talba sabiex tiġi stabbilita waqfa temporanja tal-bus stop fi Triq Santa Marija, bil-għan li s-servizz tax-shuttle ikun jista' jieqaf fl-imsemmija triq u b'hekk tiġi ffaċilitata l-aċċessibbiltà għar-residenti li jagħmlu użu minn dan is-servizz.

32.5.7 Is-Sa Nicole Vella Farrugia qajmet il-kwistjoni dwar il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni sabiex id-dħul għall-Pjazza ta' Ħal Tarxien jingħalaq b'mod aktar effettiv matul ix-xogħlijiet li għaddejjin. Hija osservat li, minkejja r-restrizzjonijiet eżistenti, kien għad hemm diversi vetturi li kienu qed jidħlu fil-pjazza u sussegwentement ikollhom jirriversjaw sabiex joħorġu, sitwazzjoni li setgħet toħloq inkonvenjent u riskji għas-sigurtà.

F'dan ir-rigward, is-Sa Vella Farrugia staqsiet jekk setgħetx tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li tiġi installata kamera tas-sorveljanza marbuta mas-sistema tal-LESA, sabiex ikun hemm kontroll u infurzar aktar effettiv tar-restrizzjonijiet tat-traffiku fiż-żona.

Bi tweġiba, is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ser jieħu ħsieb li jiġu installati żewġ tabelli addizzjonali qabel id-daħla tal-pjazza, sabiex ikun indikat b'mod aktar ċar u viżibbli li l-pjazza tinsab magħluqa għat-traffiku.

Matul id-diskussjoni ġie osservat ukoll li ċerti vetturi marbuta mal-operat tal-ħwienet fl-inħawi xorta waħda jkollhom bżonn jaċċessaw iż-żona, minħabba l-ħtieġa li jingħata servizz lill-istabbilimenti kummerċjali. Għaldaqstant, ġiet enfasizzata l-importanza li kwalunkwe arranġament ta' kontroll tat-traffiku jieħu inkunsiderazzjoni kemm is-sigurtà pubblika kif ukoll il-ħtiġijiet ta' aċċess għall-attivitajiet kummerċjali eżistenti.

32.5.8 Is-Sur Glenn Urry talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-komunikazzjoni mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-programm ta' taħriġ AMIS Integrity. Huwa esprima l-interess tiegħu li jipparteċipa f'dan il-programm, bil-għan li anke l-Kunsill Lokali jkun rappreżentat u jagħmel parti minn din l-inizjattiva. Wara li ġiet diskussa t-talba, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-parteċipazzjoni tas-Sur Urry f'dan it-taħriġ.

32.5.9 Is-Sur Dasier Damato qajjem osservazzjoni dwar l-arranġamenti li kienu qed isiru waqt it-taħriġ online fil-Customer Care li għalih kienu qed jattendu l-impjegati tal-Kunsill. Huwa semma li kien innota sitwazzjonijiet fejn, waqt li l-impjegati kienu qed isegwu t-taħriġ, xi ħadd minnhom kellu jinterrompi l-parteċipazzjoni tiegħu sabiex jaqdi lir-residenti li kienu jżuru l-uffiċċju. Huwa sostna li din is-sitwazzjoni ma kinitx ġusta mal-impjegati, peress li ma kinux kollha qed jingħataw l-istess opportunità li jsegwu t-taħriġ mingħajr interruzzjonijiet.

Bi tweġiba, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, fir-rigward tal-eżami skedat għat-30 ta' Settembru, kienu saru arranġamenti sabiex l-uffiċċju tal-Kunsill jagħlaq għall-pubbliku fil-11:00 ta' filgħodu, bil-għan li l-impjegati kollha jkunu jistgħu jagħmlu l-eżami f'ambjent kwiet u mingħajr interruzzjonijiet.

Madankollu, hija ċċarat li s-sitwazzjoni kienet differenti fir-rigward tas-sessjonijiet regolari tat-taħriġ, li kienu qed isiru darbtejn fil-ġimgħa għal kważi xahar sħiħ. Spjegat li, minħabba n-numru limitat ta' impjegati li jiffurmaw it-tim amministrattiv tal-Kunsill, ma kienx possibbli li l-uffiċċju jingħalaq kompletament għall-pubbliku għal kull sessjoni ta' taħriġ, peress li kellha tinżamm il-kontinwità tas-servizzi essenzjali offruti lir-residenti.

32.5.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien previst li jiġi organizzat kors bażiku fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni (IT) għall-impjegati tal-Front Office, bil-għan li jissaħħu l-ħiliet diġitali tagħhom u titjieb l-effiċjenza fil-qadi tad-dmirijiet amministrattivi u fis-servizz mogħti lir-residenti.

35.5.11 Is-Sindku reġa' għamel referenza għall-attività tat-Tberik tal-Annimali, fejn informa lill-Kunsill li kien hemm qbil sabiex issir quddiesa fid-9:30 ta' filgħodu, segwita mit-tberik tal-annimali. Semma wkoll li kienu tħejjew madwar 80 token f'forma ta' kokarda sabiex jitqassmu bħala tifkira tal-okkażjoni.

35.5.12 Is-Sa Nicole Vella Farrugia informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni diġitali (App) tal-Kunsill Lokali kienet għadha pendenti, peress li, minkejja li kienet talbet lill-Kunsilliera sabiex jipprovdu lista tal-ilmenti u l-kategoriji rispettivi li għandhom jiġu inklużi fl-applikazzjoni, mhux il-Kunsilliera kollha kienu bagħtu l-informazzjoni mitluba. Għaldaqstant, spjegat li fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi ffinalizzat ix-xogħol fuq l-applikazzjoni. Semmiet ukoll li mhux il-Kunsilliera kollha kienu attendew għas-sessjonijiet ta' taħriġ organizzati dwar l-użu tal-istess applikazzjoni.

Is-Sa Vella Farrugia qajmet ukoll il-kwistjoni relatata mat-tħejjija tar-rivista tal-Kunsill, fejn esprimiet id-diżappunt tagħha għan-nuqqas ta' kooperazzjoni li kienet qed issib mingħand uħud mill-Kunsilliera. Hija sostniet li ma kinitx lesta li tkompli tassumi r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u t-tħejjija tar-rivista jekk ma jkunx hemm il-kollaborazzjoni meħtieġa sabiex din l-inizjattiva titwettaq b'mod effettiv.

Barra minn hekk, is-Sa Vella Farrugia għamlet referenza għall-messaġġi u l-ilmenti li kienu qed jaslu permezz tal-Facebook Messenger tal-Kunsill Lokali. Hija osservat li kien hemm diversi ilmenti ripetuti, kif ukoll mistoqsijiet u talbiet għal informazzjoni li setgħu faċilment jiġu indirizzati direttament mill-impjegati amministrattivi tal-Kunsill, mingħajr il-ħtieġa li kull messaġġ jiġi riferut lill-Kunsilliera.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Uffiċjal Amministrattiv II tingħata aċċess għall-paġna uffiċjali ta' Facebook tal-Kunsill, sabiex tkun tista' ssegwi u twieġeb il-messaġġi u l-ilmenti li jaslu mingħand ir-residenti, partikolarment dawk ta' natura amministrattiva jew relatati mas-servizzi offruti mill-Kunsill. Dan bil-għan li titjieb il-komunikazzjoni mar-residenti, jitnaqqas il-ħin ta' stennija għat-tweġibiet u jiġi żgurat servizz aktar effiċjenti u koordinat.

35.5.13 Is-Sindku appella lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex ikun hemm kooperazzjoni sħiħa u kontinwa bejn il-Kunsilliera, filwaqt li enfasizza l-importanza li kull membru jerfa' r-responsabbiltajiet u jwettaq id-dmirijiet li ġew fdati lilu. Huwa sostna li l-ħidma tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq l-ispirtu ta' tim, ir-rispett reċiproku u l-impenn kollettiv sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti għall-ġid tar-residenti tal-lokalità.

Matul id-diskussjoni tqajmet ukoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' attendenza regolari ta' wħud mill-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill, fejn ġiet enfasizzata l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva ta' kull membru fid-diskussjonijiet u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Ġiet diskussa wkoll il-paġna ta' Facebook bl-isem Tarxien Residents, fejn diversi membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-mod kif din kienet qed tintuża sabiex jiġu ppubblikati kritika u attakki kontinwi fil-konfront tal-Kunsill Lokali. Ġie osservat li ċerti pubblikazzjonijiet imressqa mill-Kunsilliera stess, partikolarment dawk relatati mal-promozzjoni ta' attivitajiet u inizjattivi organizzati għall-benefiċċju tar-residenti, kienu qed idumu diversi ġranet sabiex jiġu approvati mill-amministraturi tal-paġna. Min-naħa l-oħra, ġie rrimarkat li pubblikazzjonijiet li jinkludu lmenti jew kritika fil-konfront tal-Kunsill kienu jidhru li qed jiġu approvati u ppubblikati b'mod immedjat. Il-membri esprimew il-fehma li din is-sitwazzjoni kienet qed toħloq żbilanċ fil-mod kif kienet qed tiġi ppreżentata l-ħidma tal-Kunsill fuq din il-pjattaforma soċjali.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-ebda membru ma għandu jwieġeb għal pubblikazzjonijiet anonimi f'isem il-Kunsill Lokali jew fil-kapaċità uffiċjali tiegħu bħala Kunsillier. Dan sabiex tinżamm komunikazzjoni responsabbli, trasparenti u professjonali, filwaqt li jiġi evitat li l-Kunsill jidħol f'kontroversji jew skambji pubbliċi ma' persuni li ma jkunux identifikaw ruħhom.

35.5.14 Is-Sa Nicole Vella Farrugia informa lill-Kunsill li, wara laqgħa li kienet saret mal-persuni li jieħdu ħsieb l-għalf tal-qtates (cat feeders) fir-rigward tal-problema li kienet inqalgħet fi Triq San Tumas, jidher li l-Pulizija kienu għamlu kuntatt mar-resident li kien qed iħalli lill-klieb tiegħu jiġru liberament fl-inħawi. Hija semmiet li, wara dan l-intervent, is-sitwazzjoni kienet tidher li kkalmat u l-problema kienet naqset.

35.5.15 Is-Sur Dasier Damato ppropona li matul ix-xahar ta' Ottubru tiġi organizzata ħarġa għall-membri tal-istaff tal-Kunsill Lokali, bil-għan li tissaħħaħ ir-relazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-membri tat-tim. Wara li tressqet din il-proposta, ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsilliera.

35.5.16 Il-Kunsill qabel li titħejja kartolina tal-Milied uffiċjali tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien, sabiex permezz tagħha jitwasslu l-awguri tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida f'isem is-Sindku u l-Kunsilliera.

32.6 Aġġornament

32.6.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 19 t' Ottubru 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

Joseph Abela Galea
Sindku

Lianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv